MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 1332/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Kontra**

**Nazzareno Buhagiar**
**U**
**Anthony Dalli**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Nazzareno Buhagiar ta' 36 sena bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled il-Pieta' fit-13 t'Ottubru, 1970 u joqgħod 'FreiHelly' Falt 2 Notabile Road Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 442470 (M); u

Anthony Dalli ta' 24 sena, bin Anthony u Maria Dolores nee Cauchi, imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Novembru 1982 u

li joqħgod f'numru 24 Triq Indri Cilia Hamrun detentur tal-karta tal-identitat' bin-numru 631282 (M)

Akkużati talli:

1. Fil-5 ta' Novembru 2006, ġewwa l-Belt Valletta u l-Floriana

a. Iffalsifikaw jew biddlu, mingġajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew tal-prodott ta' idniustrija, jew, xjentement għamlu użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kuensens tas-sid; jew

b. għamlu użu, xjentement, ta' amrka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqażżraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħu merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

ċ. Xjentement qegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħju jew żammew għandhom għall-bejgħ jw importaw għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe' CD's, DVDs film u logħob tal-playstation.

(Artikolu 298(1)(a)(c) u (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod ieħor irriproduċew jew ikkopjaw jew biegħu, qassmu, jw mod ieħor ofrew għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi skur taljeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha.

(Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Reċidiv**

3. U b’hekk l-imputat Nazzareno Buhagiar sar reċidiv a termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

4, Il-Qorti ntlabet ukoll sabiex f’każ ta’ ħtija tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti barra milli tinfliġġi l-piena.

5. Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar il-kundanna għall-ħlas ta’ spejjeż fil-ħatriet ta’ esperti.

6. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numru 4424 tal-1970 u 6312 tal-1982, il-fedini penali tal-imputati, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (a fol 26) u l-kunsens tal-imputati sabeix dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 34 35), il-kwerela magħmula minn Dr.Patrick J Galea (fol.40), l-istqarrija tal-imputati (fol.43) u (fol.45), ir-riċevuta li tidher bħal Dok IA3 u s-sentenzi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni (fol.49 et) fil-konfront ta’ Nazzareno Buhagiar.

7. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

**8. L-imputati għamlu ammissjoni tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2008 liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li ngħataw ħin xieraq biex jaħsbuha.**

9. Stante l-ammissjoni magħmula mill-imputati, l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

10. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(ċ)u(f) u 298B tal-Kap 9, fil-konfront ta’ **Anthony Dalli**, qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Il-Qorti qieset il-fedina penali nadifa tal-imputat u jirriżulta mill-istqarrija li din kienet l-ewwel darba li kien kompliċi f’dan ir-reat. Għalhekk il-Qorti qed tikkundannah iħallas multa ta’ €700 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba’ ġimgħat mil-lum.

Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

11. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(ċ)u(f) u 298B tal-Kap 9 fil-konfront **ta' Nazzareno Buhagiar** qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tikkundannah iħallas multa ta' €3600 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €1000 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk din il-multa ma titħallasx kollha sa erba' xhur mil-lum, din tinbidel f'ħames xhur priġunerija. (Artikolu 11(3)(proviso) tal-Kap 9).

12. Il-Qorti mhix qed tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li ma tqabbdu ebda esperti matul il-proċeduri.

13. Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti wara li dawn ikunu esibiti fil-Qorti. L-Ispettur għandu jippreżenta dawn l-oġġetti fi żmien 72 siegħa mil-lum. Id-distruzzjoni għandha ssir taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qorti. (Artikolu 23 tal-Kap 9).

14. Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tissospendi l-liċenzja tal-imputat Nazzareno Buhagiar maħruġa mill-awtorita' regolatorja f'dak li għandu x'jaqsam mal-esekuzzjoni ta' dik l-attivita' kummerċjali għal tletin ġurnata millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------